MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Numru. 357/2001

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO CARUANA
VS
JOSEPH ZAMMIT
RITA GAUCI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Joseph Zammit ta' 42 sena, bin il-mejjet Michael u Catherine nee Scerri imwieled Qormi fis-6 t'Awissu 1958 u li joqghod 31 Flat 25, Trqi l-Iljun Floriana detentur tal-karta tal-identita numru 543458M u Rita Gauci ta' 31 sena, bint il-mejjet Anthony u Natala nee Xuereb, imwielda Mtarfa l/o Rabat fit-28 ta' Frar 1970 u toghod 31, Flat 25, Triq l-Iljun, Floriana detentur tal-karta tal-identita 134770M talli fit-8 ta' Dicembru u fix-xhur ta' qabel f'Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Lil Rita Gauci wahidha talli saret ricediva b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata l-1 ta’ Dicembru 1998 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Talli lil Joseph Zammit wahdu talli sar ricediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 17 t’April 1998, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Novembru 2003 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 334, 49, 50 u 28A tal-kap 9 u tikkundannahom ghal erbatax il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------